

32002D0253

3.4.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 86/44

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-19 ta' Marzu 2002****li tistabbilixxi d-definizzjonijiet tal-każ għar-rappurtaġġ ta' mard li jinxtered fin-network tal-Komunità permezz tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(notifikata permezz tad-dokument numru Ċ(2002) 1043)

(2002/253/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' *network* għas-sorveljanza epidemjoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 3(ċ) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw l-informazzjoni rigward l-iżvilupp epidemjoloġiku u l-emerġenza ta' theddid għas-saħħa pubblika minħabba mard li jinxtered bl-użu tan-*network* tal-Komunità b'tali mod li tippermetti li jsiru paraguni għall-azzjoni ta' prevenzjoni u kontroll biex jittieħdu fil-livelli tal-Komunità u nazzjonali.
- (2) Għall-paragun ta' l-informazzjoni bħal din, l-istabilizzar tad-definizzjonijiet komuni tal-każ hu prerekwiżit anki meta *networks* ta' sorveljanza ta' mard speċifiku ma jkunux għadhom ġew stabbiliti. Malli din id-Direttiva tidħol b'effett dawn id-definizzjonijiet ta' każi għandhom ikunu wżati għar-rappurtaġġ lejn in-*network* tal-Komunità, u għandhom ikunu konformi mar-regolamenti dwar il-protezzjoni ta' dettalji personali.
- (3) Id-definizzjonijiet tal-każ li jippermettu paragun tar-rappurtaġġ għandhom jinkludu sistema mtarrġa li tippermetti lill-istrutturi tal-Istati Membri u/jew ta' l-awtoritajiet, flessibilità fil-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni dwar il-mard u l-materji speċjali tas-saħħa. Partikolarment, dawn id-definizzjonijiet tal-każ għandhom jiffaċilitaw ir-rappurtaġġ dwar il-mard elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/96/KE <sup>(2)</sup>.
- (4) Id-definizzjonijiet tal-każ għandhom ikunu formulati biex jgħinu lill-Istati Membri kollha ħalli jipparteċipaw fir-rappurtaġġ sal-limiti massimi possibli, billi jagħmlu użu mill-informazzjoni tas-sistemi eżistenti tagħhom. Dawn għandhom jippermettu għal livelli differenti ta' sensitività

u speċifità skond il-miri differenti tal-ġbir ta' l-informazzjoni u għandhom ikunu faċli biex ikunu emendati.

- (5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet tal-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni dwar is-sorveljanza epidemjoloġika u l-kontroll tal-mard li jinxtered permezz tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE, u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha, l-Istati Membru għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-każ kif speċifikati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun adattata sal-limitu meħtieġ fuq il-bażi ta' l-informazzjoni xjentifika l-aktar reċenti.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikata sa mill-1 ta' Jannar 2003.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, tat-3.10.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 28, tat-3.2.2000, p. 50.

## L-ANNESS

**DEFINIZZJONIJIET TAL-KAŻI GĦALL-MARD LI JINXTERED ELENKATI FID-DEĊIŻJONI 2000/96/KE****PRINĊIPJI ĠENERALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' DAWN ID-DEFINIZZJONIJIET TAL-KAŻI**

- Sakemm ma jkunx mistqarr speċifikament, il-każi simptomatiċi biss għandhom ikunu raportati, b'dana kollu, infezzjonijiet assimptomatiċi għandhom ikunu meqjusa bħala każi, jekk l-infezzjoni jkollha effetti terapewtiċi jew implikazzjoni fuq is-saħħa pubblika.
- “Każ b'rabta epidemoloġika” huwa każ li jkun jew ġie espost għal każ konfermat, jew li jkollu l-istess esposizzjoni bħal każ konfermat (e.g. kielu mill-istess ikel, qagħdu fl-istess alloġġ, eċċ.)
- sistema bi tlett saffi b'dawn il-livelli għandha tkun użata:
  - każ konfermat: verifikat minn analiżi minn laboratorju,
  - każ probabbli: stampa klinika ċara, jew marbuta ma każ epidemoloġiku konfermat,
  - każ possibbli: stampa klinika indikattiva mingħajr każ konfermat jew probabbli.
 Il-klassifikazzjoni ta' dawn il-livelli differenti tista' tvarja skond l-epidemoloġija tal-mard individwali.
- Is-sintomi kliniċi huma elenkati biss bħala eżempju indikattivi u ma humiex eżawrenti.
- Għal ħafna mard, diversi “kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju” huma elenkati. Sakemm ma jkunx mistqarr mod ieħor, wieħed biss minn dawn huwa meħtieġ biex jikkonferma każ.
- M.A. fil-lista tad-definizzjoni ta' każ tfisser “mhux applikabbli”.

**NOTI INTRODUTTORJI**

1. L-informazzjoni raportata f'dan id-dokument hija ntiża biss għal raportaġġ uniformi/paragun tad-dettalji fin-network tal-Komunità. Id-deskrizzjoni klinika tagħti qafas ġenerali tal-mard u mhux neċessarjament li tindika il-fatturi kollha meħtieġa għal dijanjosi klinika tal-mard.
2. Il-kriterja tal-laboratorju għal dijanjosi rraportata hawnhekk tista tkun imwettqa b'metodi differenti tat-testijiet. B'dana kollu, meta teknikalitajiet speċifi li huma indikati, l-użu tagħhom huwa rakkommandat.

**DEFINIZZJONIJIET TAL-KAŻI****SINONIMU AKKWISTAT TA' L-IMMUNODEFIĊJENZA (AIDS) U L-INFEZZJONI HIV****1. AIDS****Deskrizzjoni klinika**

Tinkludi l-virus kollha ta' l-immunodeficijenza umana individwali infettati-(HIV) li jkollhom kwalunkwe minn 28 kondizzjonijiet kliniċi elenkati fid-definizzjoni tal-każ tas-sorveljanza Ewropea AIDS.

**Kriterja għal dijanjosi**

- I. *Adulti u adoloxxenti*: Id-definizzjoni tal-każ tas-sorveljanza Ewropea AIDS 1993 (ara l-Anness II).
- II. *Tfal ta' età < 13 il-sena*: Ir-reviżjoni tal-1995 tad-definizzjoni tal-każ ta' sorveljanza Ewropea AIDS fit-tfal (ara l-Anness III).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Konfermat:	Każ li jilħaq id-definizzjoni tal-każ Ewropea AIDS

**2. Infezzjoni HIV****Deskrizzjoni klinika**

Id-dijanjosi hija bażata fuq kriterja tal-laboratorju ta' l-infezzjoni HIV jew tad-dijanjosi ta' l-AIDS.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- I. *Adulti, adolixxenti u tfal b'età > =18 il-xahar*
- Riżultat pożittiv minn tnasshir tat-test tal-antikorp HIV konfermat b'test differenti ta' l-antikorp HIV
  - Sejbien ta' l-aċidu nukleiku HIV (RNA jew DNA)
  - Sejbien ta' HIV bit-test ta' l-antiġeni l-HIV p24, inkluż l-assessjar tan-newtralizzazzjoni
  - Iżolazzjoni HIV (kultura virali)
- II. *Tfal < 18 il-xahar*
- Riżultati pożittivi minn żewġ determinazzjonijiet separati (esklużi l-korda tad-demmi) minn wieħed jew aktar tat-testijiet li ġejjin tas-sejbien HIV:
    - Is-sejbien ta' l-aċidu nukleiku HIV (RNA jew DNA)
    - It-test ta' l-antiġenu HIV p24, inkluż l-assessjar tan-newtralizzazzjoni, f'tifel(tifla) > = xahar wieħed ta' età
    - Iżolazzjoni HIV (kultura virali).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ li huwa kkonfermat mill-laboratorju jew li jilħaq id-definizzjoni tal-każ Ewropew AIDS

## ANTRAX

**Deskrizzjoni klinika***Id-dħul man-nifs ta' l-antrax*

Wara d-dħul man-nifs tal-*Bacillus anthracis* u prodromu akut febrili qasir, falliment respiratorju jiżviluppa bi *hypoxia*, *dyspnoa* u evidenza radjoloġika tat-twessiegħ medjastinali.

*Antrax kutaneja*

Ferita fil-ġilda tevolvi minn papule, matul l-istadju vesikulari sa eskar imħaffra sewda b'edema mad-dawra. Il-ferita normalment tkun mingħajr uġiegħ imma jista jkun hemm disturbanza kostitutzzjonali (deni u ħass ħażin).

*Antrax gastrointestinali*

Wara l-konsum ta' l-ikel ikkontaminat, sindromu ta' uġiegħ akut abdominali, diarrea, deni u septiċemija.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Iżolament u l-konferma ta' *B. Anthracis* minn kampjuni miġbura minn sit normlment sterili (e.g. demm jew CSF) jew ferita jew ċelloli oħrajn infettati (ġila, pulmun jew musrana);
- it-tnejn li ġejjin:
  - evidenza ta' *B. Anthracis* DNA (e.g. bil-PCR) minn kampjuni miġbura minn sit normlment sterili (e.g. demm jew CSF) jew ferita jew ċelloli oħrajn infettati (ġila, pulmun jew musrana);
  - Dimostrazzjoni ta' *B. Anthracis* f'kampjun kliniku mit-tiċpis immunohistokemikali taċ-ċelloli affettwati (ġila, pulmun jew musrana).

Tiċpisa nażali mingħajr indikazzjoni tal-marda ma tikkontribwix għad-dijanjosi ta' każ.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ probabbli huwa definit bħala: <ul style="list-style-type: none"> <li>— każ ta' mard klinikament kompatibbli mingħajr l-iżolament ta' <i>B. anthracis</i> u l-ebda dijanjożi alternattiva, imma b'evidenza tal-laboratorju ta' <i>B. anthracis</i> b'test sostenitur wieħed mill-laboratorju,</li> <li>— test klinikament komptibbli ta' antrax epidemoloġikalment marbut ma espożizzjoni ambjentali kkonfermata, imma mingħajr evidenza korroborattiva mil-laboratorju ta' infezzjoni <i>B. anthracis</i>.</li> </ul>
Konfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## BOTULISMU, IMĠARR MILL-IKEL

**Deskrizzjoni klinika**

L-istampa klinika kompatibbli mal-botulismu, e.g. sintomi bħal ma hija d-diplopja, viżjoni mċajpra u fjakkezza fil-boċċa ta' l-għajn. Paraliżi simetrika tista tixtered malajr.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Is-sejbien tat-tossin tal-*botulinum* fis-serum, fl-ippurjar, fil-kontenut tal-istonku jew fl-ikel tal-pazjent
- Iżolazzjoni tal-*botulinum Clostridium* mill-ippurjar.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## BRUCĒLLOSI

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinikament kompatibbli mal-bruċellosi, e.g. skoppjar ta' deni akut jew insidjus, għaraq matul il-lejl, għejja żejda, anorexja, telf tal-piż, uġieħ ta' ras u artralġija.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' l-antikorpi
- Dimostrazzjoni bl-immunoflorixxenza ta' *Brucella* sp. f'kampjun klinika
- L-iżolament tal-*Brucella* sp. minn kampjun klinika

Għal każ probabbli:

- Titrat għoli wieħed.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## INFEZZJONI KAMPILOBAKTERA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-*campylobacteriosis*, e.g. deni bid-diarrea ta' severità varjabbli.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-*Campylobacter* sp. minn kwalunkwe kampjun klinika.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## CHLAMYDIA TRACHOMATIS, INFEZZJONI ĠENERALI

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-infezzjoni *Chlamydia trachomatis*, e.g. uretrite, epididimiti, ċerviċiti, salpingiti akuta jew sindromi oħrajn meta trasmessi sesswalment.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament ta' *C. Trachomatis* bil-koltura minn kampjun tal-passaġġ uro-ġenitali
- Dimostrazzjoni ta' *C. trachomatis* f'kampjun kliniku mill-passaġġ uro-ġenitali bis-sejbien ta' l-antiġenu jew l-aċidu nukleiku.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## KOLERA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-kolera, e.g. dijarrea mahlulha u/jew remettar. Is-serverità hija varjabbli

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tat-tossiġeniku (i.e. kolera li tipproduċi t-tossini) *Vibrio cholerae* O1 jew O139 mill-ippurgar jew mir-remettar
- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' anti-tossin u ta' reazzjoni ta' l-antikorpi vibroċidali.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## CRYPTOSPORIDIOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-*cryptosporidiosis*, karatterizzata bid-diarrea, bugħawwieġ taż-żaqq, telf ta' l-aptit, dardir u remettar.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni tal-*Cryptosporidium oocysts* fl-ippurgar
- Dimostrazzjoni ta' *Cryptosporidium* fil-likwidi intestinali jew minn kampjuni miġbura b'bijopsija mill-imsaren iż-żgħhar
- Dimostrazzjoni ta' l-antiġenu *Cryptosporidium* fl-ippurgar.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## DIFTERJA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mad-difterja, e.g. mard fil-passaġġ għoli respiratorju karatterizzat minn gerżuna irritata, deni ta' grad baxx, u membrana aderenti tat-tonsilli, tal-farinġi, u/jew l-immieher.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-*Corynebacterium diphtheriae* li tipproduċi t-tossini minn kampjun kliniku
- Dijanjożi istopatoloġika tad-difterja.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli li ma hux ikkonfermat minn laboratorju u ma jkollux rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jew huwa kkonfermat minn laboratorju jew li jkollu rabta epidemjoloġika

Għandek tinnota li t-trasportaturi asimptomatiċi, każi bil-*C. diphtheriae* mhux-tossiġenika jew difterja kutaneja m'għandhomx ikunu rapurtati

## ECHINOCOCCOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-*echinococcosis*, li tista' tipproduċi kwalunkwe minn diversi sindromi kliniċi, li jvarjaw fid-daqs taċ-ċesti u fil-lokazzjoni.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

Dijanjożi bi:

- Istopatoloġija
- Ġabra ta' tekniki ta' stampi u testijiet seroloġiċi (e.g. hemagglutinazzjoni inderetta, immunodiffużjoni, assessjar ta' l-immunoblotti).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

EHEC (infezzjoni bil-entero-haemorrhagic *Escherichia coli*)

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-infezzjoni EHEC, e.g. diarrea (ta' spiss bid-demmm) jew bugħawwieġ taż-żaqq. Il-mard jista jkun komplikat bi sindromu hamolitiku uramiku (HUS/SHU) jew purpura tromboċitopenika trombatika (TTP/PTT).

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament ta' l-*E. coli* li jappartienu għall-grupp seroloġiku magħruf li jikkawża il-mard enterohemorroġiku
- Komfermazzjoni seroloġika f'pazzjenti bil-HUS jew TTP
- Għal każ probabbli: sejbien tal-kodiċi tal-ġeni għal produzzjoni ta' St×1/St×2.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Iżolat ikkonfermat minn laboratorju mingħajr informazzjoni klinika jew każ b'sintomi kliniċi li jkollu rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

GIARDIASIS

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-infezzjoni bi *Giardia lamblia*, karatterizzata bid-diarrea, bugħawwieġ taż-żaqq, infiħ tal-ġisem, telf ta' piż jew malassorbazzjoni.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni ta' ċesti ta' *G. lamblia* fl-ippurgar
- Dimostrazzjoni tat-tropożoġti tal-*G. lamblia* fl-ippurgar, likwidu duodenali, jew bijopsija tal-imseren iż-żgħar
- Dimostrazzjoni ta' antiġeni ta' *G. lamblia* fl-ippurgar

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli li jkollu rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## GONORRHOEA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-gonorrhoea, e.g. urethritis, cervicitis, jew salpingitis

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-*Neisseria gonorrhoeae* minn kampjun klinika
- Sejbien ta' *N. gonorrhoeae* l-antiġenu jew ta' l-aċidu nuklejku
- Wirja ta' gramma-negattiva interċellolari diplokokki f'tiċpisa eretrali minn raġel.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## INFLUWENZA HEMOFILLIKA TIP B, INVAŻIVA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli ma' mard invassiv, e.g. bacteremia, meningitis, arthritis, epiglottitis, osteomyelitis jew cellulitis.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament ta' l-influwenza hemofilika tip B minn sit normalment sterili
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku ta' l-*H. influenzae* minn sit normalment sterili

Għal każ probabbli:

- Sejbien ta' l-antiġenu ta' l-*H. influenzae* minn sit normalment sterili.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ b'epiglottiti klinika mingħajr il-konferma tal-laboratorju jew bl-identifikazzjoni biss minn sit mhux-sterili
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma sejbien ta' antiġenu bħal ta' hawn fuq
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## HEPATITIS, VIRALI

**Deskrizzjoni klinika**

Fil-każi symptomatiċi stampa klinika kompatibbli mal-hepatitis, e.g. bidu diskret tas-sintomi u suffejra jew livelli elevati tas-serum aminottransferaži.

**Hepatitis A, akuta****Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Antikorp IgM għal-virus tal-hepatitis A (anti-HAV) pożittiv
- Sejbien ta' l-antiġenu fl-ippurgar.
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku fis-serum.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku u li jkollu rabta epidemjoloġikali
Ikkonfermat:	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku u li jkollu konferma minn laboratorju

**Hepatitis B, akuta****Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Antikorp IgM għal-virus tal-hepatitis B (anti-HBc) pożittiv
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku HBV fis-serum.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ li jkun HbsAg pożittiv u li jkollu stampa klinika kompatibbli ma hepatitis akuta
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

**Hepatitis C****Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Sejbien ta' l-antikorpi HCV-speċifiċi
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku HCV minn kampjuni kliniċi.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ simptomatiku li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

**INFEZZJONI HIV**

(Ara taħt is-Sindromu Akkwistat ta' l-Immunodeficienza ta' hawn fuq).

**INFLUWENZA****Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-influwenza, e.g. il-ħruġ tal-mard għall-għarrieda, sogħla, deni > 38 °C, uġiegħ muskolari u/jew uġiegħ ta'ras.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Is-sejbien ta' l-antiġenu ta' l-influwenza, jew il-virus speċifiku RNA ta' l-influwenza
- L-iżolament tal-virus ta' l-influwenza
- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika tas-serum antikorp għall-influwenza A jew B.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ kliniku li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

**LEGIONELLOSIS****Il-marda tal-leggjunarji****Deskrizzjoni klinika**

Pnewmonja

**Deni pontjaku****Deskrizzjoni klinika**

Mard limitanti minnu nnifsu li jixbah l-influwenza karatterizzat fid-deni, uġiegħ ta' ras, *myalgia* u tqaħqiħa mhux produttiva. Il-pazjenti jirkupraw spontanament mingħajr terapija wara 2 sa 5 ijiem. L-ebda sinjali ta' pnewmonja.

**Kriterja tal-laboratorju għal dijanjosi tal-legionellosis**

- L-iżolament ta' xi organizzu tal-Leġjonella minn sekrezzjoni respiratorja, ċelloli tal-pulmun jew mid-demem
- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' l-antikorp għas-serograpp tal-*Legionella pneumophila* jew ta' serograppi oħrajn jew ta' speċje oħrajn tal-Leġjonella bit-test inderett ta' l-antikorp immunoflorixxenti jew bil-mikroagglutinazzjoni
- Is-sejbien ta' antiġenu speċifiku tal-Leġjonella fl-urina bl-użu ta' reaġenti validati

Għal każ probabbli:

- Titrant għoli singolu f'serum speċifiku ta' l-antikorp għal serograpp *L. pneumophila* jew serograppi oħrajn jew speċje oħrajn tal-Leġjonella
- Sejbien ta' l-antiġenu speċifiku tal-Leġjonella fis-sekrezzjoni respiratorja jew f'antikorp forixxenti dirett (DFA/AFD) ta' tebgħa ta' l-organiżmu fis-sekrezzjoni respiratorja jew f'ċelloli tal-pulmun bl-użu ta' l-evalutazzjoni tar-reaġenti monoklonali,



**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli li jkun ittestjat minn laboratorju bħala probabli (ara hawn fuq), jew każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemjoloġikali
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## LEPTOSPIROSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinikament kompatibbli mal-*leptospirosis*, karatterizzata bid-deni, uġiegħ ta' ras, bard, *myalgia*, xaqq ta' l-għaraq konġunktivali, u anqas frekwenti bil-meningita, ponot, suffeġra u insuffiċjenza renali.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-*Leptospira* minn kampjun klinika
- Dimostrazzjoni ta' żieda speċifika fit-titrat ta' l-agglutinazzjoni *Leptospira*
- Dimostrazzjoni bl-immunoflorixxenza ta' *Leptospira* f'kampjun klinika
- Sejbien ta' l-antikorp *Leptospira* IgM fis-serum.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## LISTERIOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Infezzjoni ikkawżata mill-monoċitoġeni tal-*Listeria*, li jistgħu jipproduċu kwalunkwe mis-sindromi klinika severi, inklużi t-twelid tal-fetu mejjet, *listeriosis* tat-tarbija għadha titwieled, meninġite, bakteramija jew infezzjonijiet lokalizzati.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- l-iżolazzjoni ta' L, monoċitoġeni minn sit normalment sterili (e.g. id-demmi jew il-likwidu ċerebrospinali jew, anqas komuni, il-likwidu fl-għekiesi, fil-plewra jew fil-perikardja).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## MALARJA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-malarja, e.g. deni u sintomi komuni assoċjati, li jinkludu l-uġiegħ ir-ras, uġiegħ fid-dahar, tkexkixa ta' bard, xaqq ta' l-għaraq, *myalgia*, dardir, remettar, diarrea u sogħla.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni tal-parassiti tal-malarja fi żlieġa tad-demmi
- Sejbien ta' l-aċidu nukleju *Plasmodium*.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Episodju ta' parasitemja tal-malarja kkonfermat minn laboratorju f'xi persuna (simptomatika jew assimptomatika).

## ĦOŻBA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-ħożba, i.e. raxx ġeneralizzat dewwiemi > 3 ijiem u temperatura > 38,0 °C jew wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: tqaħqiħa, *coryza*, tikkek *Koplik*, koŋunktiviti.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Sejbien ta' l-antikorpi IgM kontra l-ħożba fin-nuqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- Sejbien ta' l-antikorpi speċifiċi tal-ħożba bħala reazzjoni fin-nuqqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- Sejbien tal-virus tal-ħożba (mhux siltiet tal-vaċċina) f'kampjun kliniku.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ dianostikat mit-tabib bħala ħożba
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli
Ikkonfermat:	Każ li huwa ikkonfermat minn laboratorju jew każ li huwa klinikament kompatibbli b'rabta epidemjoloġika. Każ ikkonfermat minn laboratorju mhux bil-fors li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku.

## MARD MENINĠJOKOKKALI

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-mard meninġjokokkali, e.g. meninġite u/jew meningjokokkemija li tista tixtered malajr għal *purpura fulminans*, eżawriment u mewt. Manifestazzjonijiet oħrajn huma possibbli.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- I-iżolazzjoni ta' *Neisseria meningitidis* minn sit normalment sterili (e.g. id-demmi jew il-likwidu ċerebrospinali (CSF) jew, anqas komuni, il-likwidu fl-għekiesi, fil-plewra jew fil-perikardja).
- Sejbien ta' l-aċidu nukleju ta' l-N. *meningitidis* minn sit normalment sterili
- Sejbien ta' l-antigenju N. *meningitidis* minn sit normalment sterili
- Dimostrazzjoni tad-diplokokki gramma-negattivi minn sit normalment sterili permezz tal-mikroskopija

Għal każ probabbli:

- Titrat singolu għoli ta' antikorp meninġjokokkali fis-serum konvalixxenti.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Stampa klinika kompatibbli mal-mard invażziv meninġjokokkali xi mingħajr konferma minn laboratorju, jew b'identifikazzjoni ta' N. <i>Meningitidis</i> minn sit mhux-sterili jew b'livelli għoljin ta' l-antikorp meninġjokokkali f'serum konvalixxenti
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.
Għandhek tinnota li l-portaturi asimptomatiċi m'għandhomx ikunu raportati.	

GATTONE (*mumps*)**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-gattone, e.g. skoppjar akut ta' parti mġerħa uni- jew bi-laterali, b'żieqa limitanti minnhom infushom tal-glandola parotida jew glandola oħra tal-bżieq, li jdumu > 2 jiem, u mingħajr kawża oħra apparenti.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Sejbien ta' l-antikorpi gattone IgM
- Sejbien ta' l-antikorpi speċifiċi tal-gattone bħala reazzjoni fin-nuqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- Sejbien tal-virus tal-gattone (mhux siltiet tal-vaċċina) f'kampjun kliniku.
- Sejbien ta' l-aċidu nukleju tal-gattone

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku u li jkun epidemjoloġikalment marbut ma każ konfermat
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## PERTUSSIS (IS-SOĠHLA KONVULSIVA)

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-pertussis, e.g. mard tas-sogħla li jkun mill-anqas ġimgħatejn b'wieħed minn dawn li ġejjin: paroxiżmi tas-sogħla, "konvulżjonijiet" aspiratorji jew remettar post-tussiv mingħajr kawża oħra apparenti.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Sejbien ta' l-antikorpi speċifiċi ta' l-antikorp pertussis bħala reazzjoni fin-nuqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- Sejbien ta' l-aċidu nukleju
- L-iżolament tal-*Bordetella pertussis* minn kampjun kliniku.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku
Probabbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku u li jkollu rabta epidemjoloġikali
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## IL-PESTA

**Deskrizzjoni klinika**

Il-mard huwa karatterizzat bid-deni, tkexkix ta' bard, uġieħ ta' ras, dardir, prostazzjoni u lewkoċitosi li tkun tidher f'waħda jew aktar mill-għamliet kliniċi prinċipali li ġejjin:

- limfadeniti reġjonali (pesta bubonika),
- septaċemija mingħajr bubo evidenti (pesta septiċemika),
- pesta pnemonika,
- farinġite u limfadeniti ċervikali.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-*Yersinia pestis* minn kampjun klinika
- Dimostrazzjoni ta' antikorp speċifiku għal reazzjoni lejn l-antiġenu *Y. pestis* F1

Għal każ probabbli:

- Titrat elevat ta' l-antikorp tas-serum għal antiġenu *Y. pestis* frazzjoni 1 (F1) (mingħajr kambjament speċifikament dokumentat) f'pazjent li ma jkollux storja ta' vaċċinazzjoni kontra l-pesta
- Sejbien ta' l-antiġenu F1 f'kampjun kliniku bl-assessjar florixxenti.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ klinikament kompatibbli
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli b'riżultati probabbli mill-laboratorju.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli b'riżultati kkonfermati mill-laboratorju.

## POLIOMYELITIS, PARALITIKA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-*poliomyelitis*, e.g. l-iskoppjar akut tal-paraliżi mpaħpħa ta' waħda jew aktar mis-saqajn (dirgħajn) bi tnaqqis jew l-assenza ta' riflessi fit-tenduni fis-saqajn (dirgħajn) affettwati, mingħajr kawża oħra apparanti u mingħajr telf tas-sensazzjoni jew konjittiva.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-poljo-virus minn kampjun klinika
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku tal-poljo-virus.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku
Ikkonfermat:	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku u li jkollu konferma minn laboratorju

## RABBJA, UMANA

**Deskrizzjoni klinika**

Ir-rabbja hija enċefalomjeliti akuta li kważi dejjem timxi lejn koma jew lejn il-mewt fi żmien 10 ijiem wara l-ewwel sintomi.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Is-sejbien b'antikorp florixxenti dirett ta' l-antiġeni virali f'kampjun kliniku (preferibbilment fil-moħħ jew fin-nervituri li jdawwru l-folliċi tax-xagħar fil-kozz ta' l-għonq)
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku tar-rabbja minn kampjuni kliniċi.
- L-iżolament (f'kultura ta' ċellola jew f'animal tal-laboratorju) tal-virus tar-rabbja mill-bżieq, likwidu ċerebrospinali (CSF/LĊS), jew miċ-ċelloli tas-sistema ċentrali tan-nervituri
- L-identifikazzjoni tat-titrat ta' l-antikorp li jinnewtralizza-r-rabbja (newtralizzazzjoni kompluta) fis-serum jew fil-CSF ta' persuna mhux vaċċinata.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ kliniku kompatibbli mingħajr konferma tal-laboratorju
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li huwa kkonfermat mill-laboratorju.

## RUBELLA

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mar-rubella, e.g. l-iskoppjar akut ta' raxx makolopapulari ġeneralizzat u artralġija/artrite, limfadenopatija, jew kongunktiviti.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Sejbien ta' l-antikorpi IgM tar-rubella fin-nuqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- Sejbien ta' l-antikorpi speċifiċi tar-rubella bħala reazzjoni fin-nuqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- L-iżolament tal-virus tar-rubella fin-nuqas ta' vaċċinazzjoni reċenti
- Sejbien ta' l-aċidu nukleiku tar-rubella minn kampjuni kliniċi.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli li jkollu rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## SALMONELLOSIS (MHUX-TIFI, MHUX-PARATIFI)

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mal-*salmonellosis*, e.g. diarrea, uġieġ fiż-żaqq, dardir u kultant remettar. L-organiżmu jista' jidher infezzjonijiet *extra-intestinali*.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tas-Salmonella (mhux-tifi, mhux paratifi) minn kampjun klinika.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ li jilħaq id-definizzjoni ta' każ kliniku
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli li jkollu rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## SHIGELLOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Marda ta' severità varjabbli kkaratterizzata bid-diarrea, deni, dardir, bugħawwieġ, u *tenesmus*.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-*Shigella* sp. minn kampjun klinika

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## STREPTOCOCCUS PNEUMONIAE, MARD INVAŻIV

**Deskrizzjoni klinika**

*Streptococcus pneumoniae* tikkawża ħafna sindromi kliniċi, jiddependi mis-sit ta' l-infezzjoni (e.g. otiti medja akuta, pneumonja, bakteremija, jew meninġite).

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- I-żolazzjoni ta' *S. pneumoniae* minn sit normalment sterili (e.g. id-demm jew il-likwidu ċerebrospinali jew, anqas komuni, il-likwidu fl-għekiesi, fil-plewra jew fil-perikardja).
- Sejbien ta' l-aċidu nukleju ta' *S. pneumoniae* minn sit normalment sterili

Għal każ probabbli:

- Sejbien ta' l-aċidu nukleju ta' l-antiġenu *S. pneumoniae* minn sit normalment sterili.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	Każ klinikament kompatibbli mingħajr il-konferma tal-laboratorju, jew bl-identifikazzjoni minn sit mhux-sterili
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli li huwa b'antiġenu pożittiv
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## SYPHILIS (SIFILI)

**Sifili, primarja****Deskrizzjoni klinika**

Stadju ta' infezzjoni bil-*Treponema pallidum* karratterizzat b'wieħed jew aktar kankri (ulċeri). Il-kankri jistgħu jiddifferixxu konsiderevolament fid-dehra klinika.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Sejbien ta' IgM speċifiku bil-EIA
- Dimostrazzjoni ta' *T. pallidum* f'kampjuni kliniċi bil-mikroskopija fuq sfond skur, antikorp dirett florixxenti (DFA-TP) jew metodi ekwivalenti

Għal każ probabbli:

- Test reattiv seroloġiku (mhux-treponemali: Venereal Disease Research Laboratory (VDRL) (Laboratorju tar-Riċerka għal Mard Venerali) jew ir-reġin imħaffef tal-plasma (RPR/RIP); treponemali: antikorp treponemali florixxenti asorbit (FTA-ABS) jew assessjar tal-mikro-hemagglutinazzjoni għal antikorp ta' *T. pallidum* (MHA-Th).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma waħda jew aktar ulċeri (kamkri) konsistenti ma sifili primarja u kwalunkwe test reattiv seroloġiku
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

**Syphilis, (sifili) sekondarja****Deskrizzjoni klinika**

Stadju ta' l-infezzjoni kawżat bill-*T. pallidum* u karatterizzat b'feriti lokalizzati jew mukokutanaci, ta' spiss bil-limfadenopatija ġeneralizzata. Il-kankru primarju xorta jista jkun preżenti.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni ta' *T. pallidum* f'kampjuni kliniċi bil-mikroskopija fuq sfond skur, antikorp dirett florixxenti (DFA-TP) jew metodi ekwivalenti

Għal każ probabbli:

- Test reattiv seroloġiku (mhux-treponemali: Venereal Disease Research Laboratory (VDRL) (Laboratorju tar-Riċerka tal-Mard Venerali)
- Reaġin imħaffef tal-plasma (PRP/RIP); treponemali: antikorp florixxenti treponemali asorbit (FTA-ABS)
- Assessjar tal-Mikrohemagglutinazzjoni għal antikorp għal *T. pallidum* (MHA-TP).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma kwalunkwe test seroloġiku rispettiv
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

**Syphilis, (sfili) moħbija****Deskrizzjoni klinika**

Stadju ta' l-infezzjoni kkawżat mill-*T. pallidum* li fih l-organiżmi jippersistu fil-ġisem tal-persuna infettata mingħajr ma joħlqu sintomi jew sinjali.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

Dimostrazzjoni ta' reazzjoni pożittiva bi EIA speċifika imma negattiva għal test tal-laboratorju għall-infezzjoni tas-sifili (ara s-sifili primarja jew sekondarja).

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	L-ebba sinjali jew sintomi kliniċi tas-sifili u test pożittiv tal-laboratorju bħal hawn fuq
Ikkonfermat:	M.A.

## TETANUS (TETNU)

**Deskrizzjoni klinika**

Stampa klinika kompatibbli mat-tetnu, e.g. skoppjar akut ta' *hypertonia* u/jew ġbid b'uġieħ muskolari (normalment tal-muskoli tax-xedaq u l-għonq) u spażmi ġeneralizzati tal-muskoli mingħajr kawża oħra medika apparenti.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Is-sejbien ta' l-antikorp *tetanus toxoid* fil-pazjenti mhux vaċċinat u mhux trattat
- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' l-antikorpi tat-*tetanus toxoid*

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli.

## TOXOPLASMOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Mard protożonali, li jippreżenta b'mard akut ta' wieħed jew aktar minn dan li ġej: limfadenopatija, enċefaliti, klorjoretinis, disfunzjoni tas-sistema nervuża ċentrali. Infezzjonijiet konġenitali jistgħu iseħħu wkoll bil-idroċefalite, mikroċefalite, klarifika intraċerebrali, konvulżjonijiet, ritardazzjoni ċerebrali.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' l-antikorpi tat-toxoplasma
- Dimostrazzjoni ta' l-aġent fiċ-ċelloli tal-ġisem jew likwidi jew l-iżolazzjonijiet fl-animali jew fil-koltura taċ-ċelloli
- Sejbien ta' l-aċidu nukleiku tat-toxoplasma.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	M.A.
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## TRICHINOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Mard kaġunat bl-inġestjoni tal-*larvae Trichinella*. Il-marda għandha manifestazzjonijiet kliniċi viżibbli. Sinjali u sintomi komuni fost persuni sintomatiċi jinkludu kosinofilja, deni, *myalgia* u *oedema* perjobitali.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni tal-*larvae Trichinella* fiċ-ċelloli akwistati minn bijopsija muskolari
- Dimostrazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' l-antikorpi tat-*Trichinella*.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## TUBERKOLOŻI

**Kriterja klinika**

- Ġudizju klinika li sinjali kliniċi u/jew radjoloġiċi u/jew sintomi li huma kompatibbli mat-tuberkolożi u
- deċiżjoni klinika biex ikun ittrattat il-pazjent b'kors sħiħ tat-terapija ta' kontra t-tuberkolożi.

**Kriterja tal-laboratorju**

- L-iżolazzjoni tal-kumpless Mikobatterju tat-tuberkolożi (bl-eċċezzjoni ta' *M. bovis* BCG) minn kampjun kliniku bil-koltura
- Evidenza tal-baċilli b'rabta aċiduża (AFB/BRA) fl-eżami mikroskopiku ta' *sputum* spantaneju jew sfurzat.

**Klassifikazzjoni skond il-kriterja tal-laboratorju***Definita*

Każ bl-iżolazzjoni tal-kumpless Mikobatterju tat-tuberkolożi (bl-eċċezzjoni ta' *M. bovis* BCG) minn kampjun kliniku. Fil-pajjiżi ta' fejn ir-rutina tal-koltura mhux disponibbli, każ b'eżaminazzjoni pożittiva b'tiċpisa ta' *sputum* għal AFB huwa wkoll konsidrat bħala każ definit.

*Apparti milli definit*

Każ li jilħaq il-kriterja klinika ta' hawn fuq imma li ma jkunx jilħaq il-kriterja tal-laboratorju f'każ definit.

**Klassifikazzjoni skond is-sit tal-marda***Tuberkolożi pulmonarja*

It-tuberkolożi tal-parenċima tal-pulmun jew tas-siġra trakeo-bronkali.

*Tuberkolożi extrapulmonari*

It-tuberkolożi li taffettwa xi sit appartu milli dak pulmonari kif definit hawn fuq.

**Klassifikazzjoni skond it-trattament preċedenti kontra t-tuberkolozi***Qatt trattata*

Każ li qatt ma jkun irċieva trattament għal tuberkolożi attiva fil-passat jew li rċieva drogi kontra t-tuberkolożi għal anqas minn xahar.

*Preċedentamnt trattata*

Każ li kien ġie dianostikat b'tuberkolożi attiva fil-passat u li rċieva drogi kontra t-tuberkolożi (eskluzja t-terapija preventiva) għal mill-anqas xahar.

## DENI TAT-TIFĠUDE/PARATIFĠUDE

**Deskrizzjoni klinika**

Marda kaġunata mill tifli jew paratifi tal-*Salmonella* li ta' spiss hija karatterizzata b'tifqiegħ insidjuż ta' deni sostnut, uġiegħ ta' ras, dardir, anorexja, bradikardja relattiva, kostipazzjoni jew diarrea u tqaħqiħa mhux produttiva. B'dana kollu, ħafna mill-infezzjonijiet ħief u atipikali jstgħu isefħu.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tat-tifi jew paratifi tas-*Salmonella* mid-dem, mill-ippurgar jew minn kampjun kliniku ieħor



**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Iżolat ikkonfermat minn laboratorju mingħajr informazzjoni klinika jew, każ b'sintomi kliniċi li jkollu rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

## VARJANT TAL-MARDA CREUTZFELDT-JAKOB (CJD)

**Deskrizzjoni klinika**

- I. Storja
- Disordni newropsikjatrika progressiva,
  - It-tul tal-marda > 6 xhur,
  - Investigazzjoni ta' rutina ma tissuġġerix dijanjosi alternattiva,
  - L-ebda storja ta' l-esposizzjoni potenzjali jatroġenika.
- II. Fatturi kliniċi
- Sintomi kmieni psikjatriċi,
  - Sintomi ta' uġiegħ persisteni sensorji,
  - Ataksja,
  - Mijoklonus jew kolera jew distonja,
  - Demenzja.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- EEG li ma jurix dehra tipika tal-CJD klassika (jew l-ebda EEG ma jkun twettaq)
- Sinjal għoli bilaterali pulvinari fuq *scan* MRI
- Karatteristiċi newropatoloġikali u sejbiet immunopatoloġikali.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	I u 4/5 ta' fatturi kliniċi u EEK ma jurux l-ebda dehra tipika tal-CJD klassika (l-ebda EEG ma jkun twettaq) u sinjal għoli bilaterali pulvinari fuq <i>scan</i> MRI Bijopsija tat-tunsilli I u pożittiva
Ikkonfermat:	Disordni newropsikjatrika progressiva u konferma newropatoloġika tad-dijanjosi tal-vCJD.

## DENI VIRALI HEMORRAĠIKU

**Deni ta' l-Ebola/Marburg****Deskrizzjoni klinika**

Jibda b'deni qawwi, diarrea li tista tkun bid-demm u r-remettar. Uġiegħ ta' ras, dardir u uġiegħ ta' żaqq huma komuni. Manifestazzjonijiet ħemorraġiċi jistgħu isegwu. Uħud mill-pazjenti jistgħu wkoll juru raxx makolopapulari fuq il-parti ċentrali tal-ġisem.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Iżolament pożittiv tal-virus
- Bijopsija pożittiva tal-ġilda (immunoĥistokemistrija)
- Sejbien ta' l-aċidu nukleju tal-Ebola/Marburg
- Seroloġija pożittiva, li tista tidher tard fil-korsa tal-marda.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemjoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li huwa kkonfermat mill-laboratorju.

**Deni Lassa****Deskrizzjoni klinika**

Marda li tidher gradwalment b'ħass ħażin, deni, uġieġħ ta' ras, gerżuma xotta, qaħqiħa, dardir, remettar, diarrea, *myalgia* u uġieġħ fis-sider. Manifestazzjonijiet ħemorraġiċi jistgħu isegwu.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-virus
- Bijopsija pożittiva tal-ġilda (immunohistokemistrija)
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku tal-*Lassa-virus*.
- Seroloġija pożittiva, li tista tidher tard fil-korsa tal-marda.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li huwa kkonfermat mill-laboratorju.

**Deni emorroġiku Kongo-Krimea****Deskrizzjoni klinika**

Marda b'tifqieġħ gradwali b'deni għoli akut, tkexkix ta' bard, *myalgia*, dardir, anorexja, remettar, uġieġħ ta' ras u uġieġħ tad-dahar. Manifestazzjonijiet ħemorraġiċi jistgħu isegwu.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- L-iżolament tal-virus
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku tal-virus CCHF
- Seroloġija pożittiva, li tista tidher tard fil-korsa tal-marda.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li huwa kkonfermat mill-laboratorju.

## DENI ISFAR

**Deskrizzjoni klinika**

Mard katterizzat b'tifqieġħ akut u sintomi kostituzzjonali segwiti b'remissjoni qasira, rekorenza tad-deni, ħepitite, albumina, u f'ċerti stanzi, falliment renali, eżawriment u emorroġiji ġeneralizzati.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

- Dimostrazzjoni tar-reazzjoni speċifika ta' l-antikorp tad-deni isfar f'pazjent li ma jkollux storja ta' vaċċinazzjoni reċenti kontra d-deni isfar u fejn il-trans-reazzjoni għal *flaviviruses* ma tkunx ġiet eskluża
- L-iżolament tal-virus
- Is-sejbien ta' l-antiġenu tad-deni isfar
- Sejbien ta' l-aċidu nuklejku tad-deni isfar.

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ klinikament kompatibbli li huwa kkonfermat mill-laboratorju.

## YERSINIOSIS

**Deskrizzjoni klinika**

Marda ta' severità varjabbli karatterizzata bid-diarrea, deni, dardir, bugħawwieġ u *tenesmus*.

**Kriterja għal dijanjosi tal-laboratorju**

— L-iżolament tal-*Yersinia* enteroklitika jew psewdotuberkoloża minn kampjun klinika

**Klassifikazzjoni tal-każ**

Possibbli	M.A.
Probabbli	Każ klinikament kompatibbli ma rabta epidemoloġika
Ikkonfermat:	Każ li jkun ikkonfermat mill-laboratorju.

---